**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.**

**Att ta' Akkuza numru 7/2012**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**kontra**

**Henry Grogan,**
**Omissis 1**
**Luke Muscat,**
**Omissis 2**

**Illum, 6 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija **Henry Grogan**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 328884M u **Luke Muscat**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija 530689M, **omissis 1 u omissis 2** fejn l-Avukat Generali ppremetta :

**1.** Fl-ghaxar (10) jum ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fil-granet ta` qabel din id-data **Henry Grogan, Luke Muscat, Omissis 1 u Omissis 2** iddecidew xjentement u illegalment li jassocjaw ruhhom ma persuna jew persuni ohra f`Malta sabiex ammont sostanzjali ta` droga raza tal-cannabis tkun ttraffikata u mibjugha fil-Gzejjer Maltin.

Illi ghal dan il-ghan kriminuz, fit- 8 ta` Frar 2010 u d- 9 ta` Frar 2010 l-akkuzat **Henry Grogan** ftiehem, ippjana u assocja ruhu ma` certu Anthony Calleja sabiex l-istess Anthony Calleja jixtri ammont ta` droga raza tal-cannabis (ghoxrin sapuna) ghall-prezz ta` tlettax-il elf u hames mitt ewro (**€**13,500). **Henry Grogan** kellem lil **Omissis 1** dwar din il-bicca xoghol illecita u ippjanaw kif

din id-droga kienet ser tkun ipprokurata u kemm kienu ser jithallsu taghha. L-akkuzat **Omissis 1** minn naha tieghu ftiehem ma` **Luke Muscat** sabiex l-istess **Luke Muscat** jipprokura l-ghoxrin sapuna droga raza tal-cannabis mertu ta` dan id-*deal* ta` droga. Ta` din l-attivita` illecita, **Luke Muscat** kien ser jithallas hames mitt ewro (**€**500). **Henry Grogan, Omissis 1 u Luke Muscat** ftehmu li dan it-traffikar ta` droga kellu jigi fis-sehh fl-10 ta` Frar 2010 fil-garaxx ta` Anthony Calleja li jinsab fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara.

Illi fil-fatt fl-10 ta` Frar 2010 **Luke Muscat** irnexxielu jakkwista ammont ta` droga raza tal-cannabis minghand terza persuna u ikkonvinca lil huh **Omissis 2** sabiex jidhol f`dan ic-cirku ta` traffikar ta` droga. Ir-rwol ta` **Omissis 2** f`dan id-*deal* kien li jgorr il- basket kontenenti d-droga minn Tas-Swatar sa Birkirkara u ta` din il-bicca xoghol illegali **Omissis 2** thallas mitt ewro (**€**100) minghand huh **Luke Muscat**. F`din l-istess gurnata **Omissis 2,** bi ftehim ma huh **Luke Muscat,** saq il-vettura Volkswagen bin-numru ta` registrazzjoni BEN-016 u li fiha kien hemm il-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis u mar fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara. Malli **Omissis 2** wasal hemm, **Luke Muscat** mar jigbor il-basket bid-droga u dahal fil-garaxx ta` Anthony Calleja fejn effettivament kellu jigi fis-sehh dan it-traffikar ta` droga.

Illi madanakollu l-Pulizija kienu jafu b`din l-attivita illegali u kienu qeghdin jaraw u josservaw dak kollu li kien qieghed jigri f` dawk l-inhawi u fil-fatt dahlu fil-garaxx u hemm sabu lill-akkuzati **Henry Grogan, Luke Muscat u Omissis 1** fil-pussess xjenti tal-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis. F`dan il-basket kien hemm dsatax–il sapuna f`ammont totali ta` 4736 grammi raza mehuda mil-pjanta cannabis bil-purita` ta` 7.2% u valur ta` circa **€**30,358.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b`ghemilhom, l-imsemmija akkuzati saru hatja talli assocjaw ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw d-droga (cannabis)f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija **Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2** hatja talli assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw d-droga f'Malta (cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (**(€2,329.37)**) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli **17, 23, 23A, 23B, 23C** u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

**2.** Illi fl-istess zmien u cirkostanzi kif indikati fl-ewwel Kap ta` dan l-Att t`Akkuza u cioe` fl- 10 ta` Frar 2010 u fil-jiem ta` qabel, l-imsemmija Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2 iddecidew xjentement u illegalment li jibdew imexxu, jittraffikaw u jfornu d-droga raza tal-cannabis lil terzi fil-Gzejjer Maltin.

Illi l-akkuzat **Henry Grogan** avvicina u informa lil certu Anthony Calleja li kien lest jaghmel l-arrangamenti kollha necessarji sabiex ibieghlu ammont sostanzjali ta` droga raza mehuda mil-pjanta cannabis ghal prezz ta` **€**13,500 euro. Anthony Calleja accetta li jixtri ammont ta` droga raza tal-cannabis (ghoxrin sapuna) sabiex din tigi eventwalment mibjugha u traffikata f`Malta ghal-skopijiet ta` lukru ghad-dannu tas-socjeta Maltija. **Henry Grogan** kellem lil **Omissis 1** dwar din il-bicca xoghol illecita u ippjanaw kif din id-droga kienet ser tigi ipprokurata u kemm kienu ser jithallsu taghha. L-akkuzat **Omissis 1** minn naha tieghu ftiehem ma` **Luke Muscat** sabiex l-istess **Luke Muscat** jipprokura l-ghoxrin sapuna droga raza tal-cannabis mertu ta` dan id-*deal* ta` droga. Ta` din l-attivita` illecita, **Luke Muscat** kien ser jithallas hames mitt ewro (**€**500). **Henry Grogan, Omissis 1 u Luke Muscat** ftehmu li dan it-traffikar ta` droga kellu jigi fis-sehh fl-10 ta` Frar 2010 fil-garaxx ta` Anthony Calleja li jinsab fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara.

Illi fil-fatt fl-10 ta` Frar 2010 **Luke Muscat** irnexxielu jakkwista ammont konsiderevoli ta` droga raza tal-cannabis minghand terza persuna u ikkonvinca lil huh **Omissis 2** sabiex jidhol f`dan ic-cirku ta` traffikar ta` droga. Ir-rwol ta` **Omissis 2** f`dan it-traffikar kien li jgorr il- basket kontenenti d-droga minn Tas-Swatar sa Birkirkara u ta` din il-bicca xoghol illegali **Omissis 2** thallas mitt ewro (**€**100) minghand huh **Luke Muscat**. F`din l-istess gurnata

**Omissis 2,** bi ftehim ma huh **Luke Muscat,** saq il-vettura Volkswagen bin-numru ta` registrazzjoni BEN-016 u li fiha kien hemm il-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis u mar fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara. Malli **Omissis 2** wasal hemm, **Luke Muscat** mar jigbor il-basket bid-droga u dahal fil-garaxx ta` Anthony Calleja fejn effettivament kellu jigi fis-sehh dan it-traffikar ta` droga.

Illi madanakollu l-Pulizija kienu jafu b`din l-attivita illegali u kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qieghed jigri f` dawk l-inhawi u fil-fatt dahlu fil-garaxx u hemm sabu lill-akkuzati **Henry Grogan, Luke Muscat u Omissis 1** fil-pussess xjenti tal-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis. F`dan il-basket kien hemm dsatax–il sapuna f`ammont totali ta` 4736 grammi raza mehuda mil-pjanta cannabis bil-purita` ta` 7.2% u valur ta` circa **€**30,358.

**Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2 b`hekk involvew ruhhom f`dan it-traffikar ta` droga raza tal-cannabis u fl-ghoti ta` informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri u distribuzzjoni tad-droga raza tal-cannabis f`Malta u ghamlu l-arrangementi kollha necessarji sabiex dan it-traffikar ta` droga jigi fis-sehh.**

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija **Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2** saru hatja talli ipprokuraw, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lil **Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2** hatja talli ipprokuraw, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità

apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (**(€2,329.37)**) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli **17, 23, 23A, 23B, 23C** u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzati.

**3.** Illi fl-istess zmien u cirkostanzi kif indikati fl-ewwel Kap ta` dan l-Att t`Akkuza u cioe` fl- 10 ta` Frar 2010 u fil-jiem ta` qabel, l-imsemmija **Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2** ftehmu sabiex xjentement u illegalment imexxu, jittraffikaw u jfornu d-droga raza tal-cannabis lil terzi fil-Gzejjer Maltin**.**

Illi in ezekuzzjoni ta` din l-assocjazzjoni ta` bejniethom fl-10 ta` Frar 2010 **Luke Muscat** irnexxielu jakkwista u jigi xjentement fil-pussess ta` ammont konsiderevoli ta` droga raza tal-cannabis minghand terza persuna u ikkonvinca lil huh **Omissis 2** sabiex jidhol f`dan ic-cirku ta` traffikar ta` droga. Dakinhar **Luke Muscat** pogga l-basket kontenenti l-ammont ta` droga cannabis fil-vettura Volkswagen numru ta` registrazzjoni BEN 016 li kien qed isuq l-akkuzat **Omissis 2**. F`din l-istess gurnata **Omissis 2** saq il-vettura Volkswagen bin-numru ta` registrazzjoni BEN-016 u li fiha kien hemm il-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis u mar fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara. Dak il-hin **Omissis 2** kien ghalhekk fil-pussess xjenti ta` ammont ta` raza tal-cannabis mertu ta` dan id-*deal* ta` droga liema ammont juri li ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu. Malli **Omissis 2** wasal Birkirkara, **Luke Muscat** mar jigbor il-basket bid-droga u dahal fil-garaxx ta` Anthony Calleja fejn effettivament kellu jigi fis-sehh dan it-traffikar ta` droga.

Illi madanakollu l-Pulizija kienu jafu b`din l-attivita illegali u kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qieghed jigri f` dawk l-inhawi u

fil-fatt dahlu fil-garaxx u hemm sabu lill-akkuzati **Henry Grogan, Luke Muscat u Omissis 1** fil-pussess xjenti tal-basket kontenenti d-droga raza tal-cannabis. F`dan il-basket kien hemm dsatax–il sapuna f`ammont totali ta` 4736 grammi raza mehuda mil-pjanta cannabis bil-purita` ta` 7.2% u valur ta` circa **€**30,358 **liema ammont juri illi d-droga ma kienitx għall-użu esklussiv taghhom**.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija **Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2** saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi jakkuza lill-imsemmija **Henry Grogan, Omissis 1, Luke Muscat u Omissis 2** talli kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jkunu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor u multa

ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (**(€2,329.37)**) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (**(€116,500.00**) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli **17, 23, 23A, 23B, 23C** u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzati.

**4.** Illi fl-ghaxar (10) jum mix-xahar ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul is-sentejn ta` qabel din id-data l-akkuzat **Omissis 1** kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga **cannabis** kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga kif deskritt precedentement f`dan l-att t`akkuza. **Illi dak il-pussess tad–droga cannabis kien mezz u stadju wiehed sabiex Omissis 1 ikun jista jabbuza mill-istess droga cannabis**.

Illi d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Omissis 1** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **Omissis 1** hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**5.** Illi fl-ghaxar (10) jum mix-xahar ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul is-sena ta` qabel din id-data l-akkuzat Henry Grogan kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga **cannabis** kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga cannabis kif deskritt precedentement f`dan l-att t`akkuza. **Illi dak il-pussess tad–droga cannabis kien mezz u stadju wiehed sabiex Henry Grogan ikun jista jabbuza mill-istess droga cannabis**. Fl-10 ta` Frar 2010 l-Pulizija ghamlet ukoll tfittxija fil-vettura Seat Ibiza HAU 762 ta` Henry Grogan u go fiha sabu xi bicciet ta` raza tal-cannabis. **Henry Grogan kien xjentement fil-pussess ta` din id-droga cannabis.**

Illi d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Henry Grogan** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **Henry Grogan** hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jkun kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**6.** Illi fl-ghaxar (10) jum mix-xahar ta` Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul is-sena ta` qabel din id-data l-akkuzat kien fil- pussess xjenti u illegali tad-droga **herojina** kif stqarr huwa stess lill-Pulizija meta gie interrogat in konnessjoni mas-sejba ta` droga cannabis kif deskritt precedentement f`dan l-att t`akkuza. **Illi dak il-pussess tad-droga herojina kien mezz u stadju wiehed sabiex Henry Grogan ikun jista jabbuza mill-istess droga herojina**.

Illi d-droga herojina hija medicina perikoluza specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Henry Grogan** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI

ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi **Henry Grogan** hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jkun ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn minn erbgha mija hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (23,293.73) u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluz dawk tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Novembru, 2018 li bih wara talba tal-Avukat Generali, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-akkuzati Luke Muscat u Henry Grogan;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat **Luke Muscat** prezentat fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2017, fejn filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A (1) tal-Kodici Kriminali talbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Luke Muscat ghall-akkuzi migjuba kontrih fl-att tal-akkuza, il-piena li ghandha tigi nflitta minn din l-Onorabbli Qorti wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta bi grad wiehed, ghandha tkun wahda kumplessiva ta' pruginerija effettiva ghal perjodu ta' disa' (9) snin flimkien ma' multa ta' tmintax –il elf Ewro (€18,000), u dan oltre spejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9, 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2018 l-akkuzat **Luke Muscat** mistoqsi kif iwiegeb ghall-Att tal-Akkuza wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reati dedotti kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat **Luke Muscat** b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba u taghtu zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skont l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat wara li ddikjara li fehem l-akkuzi migjuba kontra tieghu u li jaf dwar il-pieni marbuta ma' dawn l-akkuzi, baqa' jtenni l-ammissjoni tieghu.

Rat ukoll ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat **Henry Grogan** prezentat fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2018, fejn filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A (1) tal-Kodici Kriminali talbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Luke Muscat ghall-akkuzi migjuba kontrih fl-att tal-akkuza, il-piena li ghandha tigi nflitta minn din l-Onorabbli Qorti wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta bi grad wiehed, ghandha tkun wahda kumplessiva ta' pruginerija effettiva ghal perjodu ta' disa' (9) snin u sitt (6) xhur flimkien ma' multa ta' tmintax –il elf Ewro (€18,000), u dan oltre spejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u / jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad- dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9, 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2018 l-akkuzat **Henry Grogan** mistoqsi kif iwiegeb ghall-Att tal-Akkuza wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reati dedotti kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat **Henry Grogan** b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba u taghtu zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skont l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat wara li ddikjara li fehem l-akkuzi migjuba kontra tieghu u li jaf dwar il-pieni marbuta ma' dawn l-akkuzi, baqa' jtenni l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi in vista tal-ammissjoni tal-akkuzati Luke Muscat u Henry Grogan ghal kull kap tal-akkuza dedotti kontra taghhom, din il-Qorti qed tiddikjara lil **Luke Muscat u Henry Grogan** hatja flimkien tal-ewwel, it-tieni u t-tielet kap tal-akkuza u lil Henry Grogan wahdu hati tal-hames u s-sitt kap tal-akkuza, jigifieri:

Li Luke Muscat u Henry Grogan assocjaw ruhhom ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw d-droga f'Malta (cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni;

Ipprokuraw, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellhom licenza mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifaturaw d-droga msemmija, u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga;

Kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenza jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv taghhom.

Lil **Henry Grogan** wahdu hati talli :

Kellu fil-pussess tieghu d-droga cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

Ghaldaqstant, il-Qorti thoss li ghandha f'dan il-kaz partikolari taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skont l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali fil-konfront taz-zewg hatja u ghaldaqstant wara li rat is-segwenti artikoli : Fil-konfront ta' Luke Muscat 8(a)(b)(c)(d)(e); 22(1)(a)(f), 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 u 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u fil-konfront ta' Henry Grogan 8(a)(b)(c)(d) u (e), 22(1)(a)(f), 22(2)(a)(i); Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN292/1939); 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil **Luke Muscat** ghal terminu ta' prigunerija ta' disa' (9) snin u ghal multa ta' tmintax –il elf Ewro (€18,000) oltre ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u tlettax –il Ewro u ghoxrin centezmu (€2,913.20) bhala spejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9;

Tikkundanna lil **Henry Grogan** ghal terminu ta' prigunerija ta' disa' (9) snin u sitt (6) xhur u ghal multa ta' tmintax –il elf Ewro oltre ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u erbatax –il Ewro punt u tlieta u sebghin centezmu (€2,914.73) bhala spejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9;

Finalment tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes u proprjeta' mobbli w immobbli tal-hatja.